*Partijiet oħra fil-proċedura:* Ryanair Ltd (rappreżentanti: E. Vahida, avukat, I.-G. Metaxas-Maragkidis, avukati), Air One SpA (rappreżentanti: M. Merola, M.C. Santacroce u G. Belotti, avukati)

**Suġġett**

Appell mis-sentenza tal-Qorti Ġenerali (Il-Ħames Awla) tad-29 ta' Settembru 2011, Ryanair vs Il-Kummissjoni (T-442/07) li tilqa' parzjalment rikors għal nuqqas li tittieħed azzjoni sabiex jiġi kkonstatat li l-Kummissjoni illegalment naqset milli tieħu deċiżjoni dwar l-ilmenti tal-appellanti dwar għajnuna allegatament mogħtija mill-Italja lil Alitalia, lil Air One u lil Meridiana, fil-forma ta' tipi differenti ta' miżuri vantaġġużi applikati favur dawn il-kumpanniji

**Dispożittiv**

(1) *L-appell huwa miċħud.*

(2) *Il-Kummissjoni Ewropea hija kkundannata għall-ispejjeż.*

([1]) ĠU C 65, 3.3.2012.

**Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (It-Tieni Awla) tat-13 ta' Ġunju 2013 — HGA Srl *et* vs Il-Kummissjoni Ewropea**

**(Kawżi magħquda C-630/11 P sa C-633/11 P)** ([1])

***(Appell — Għajnuna mill-Istat għal skopijiet reġjonali — Għajnuna favur l-industrija tal-lukandi f'Sardegna — Għajnuna ġdida — Modifika ta' skema ta' għajnuna eżistenti — Deċiżjoni ta' rettifika — Possibbiltà li tiġi adottata tali deċiżjoni — Regolament (KE) Nru 659/1999 — Artikoli 4(5), 7(6), 10(1), 13(2), 16 u 20(1) — Effett ta' inċentiv tal-għajnuna — Protezzjoni tal-aspettattivi leġittimi)***

(2013/C 225/27)

*Lingwa tal-proċedura: it-Taljan*

**Partijiet**

*Appellanti:* HGA Srl, Gimar Srl, Coghene Costruzioni Srl, Camping Pini e Mare di Cogoni Franco & C. Sas, Immobiliare 92 Srl, Gardena Srl, Hotel Stella 2000 Srl, Vadis Srl, Macpep Srl, San Marco Srl, Due lune SpA, Hotel Mistral di Bruno Madeddu & C.Sas, L'Esagono di Mario Azara & Co. Snc, Le Buganville Srl (li qabel kienet Le Buganville di Cogoni Giuseppe & C. Snc), Le Dune Srl (li qabel kienet Le Dune di Stefanelli Vincenzo & C. Snc) (rappreżentanti: G. Dore, F. Ciulli u A. Vinci, avukati) (C-630/11 P), Regione autonoma della Sardegna (rappreżentanti: A. Fantozzi u G. Mameli, avukati) (C-631/11 P), Timsas srl (rappreżentanti: D. Dodaro u S. Pinna, avukati) (C-632/11 P), Grand Hotel Abi d'Oru SpA (rappreżentanti: D. Dodaro u R. Masuri, avukati) (C-633/11 P)

*Parti oħra fil-proċedura:* Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: D. Grespan, C. Urraca Caviedes u G. Conte, aġenti)

**Suġġett**

Appell ippreżentat kontra s-sentenza mogħtija mill-Qorti Ġenerali (Ir-Raba' Awla) fl-20 ta' Settembru 2011, Regione autonoma della Sardegna *et* vs Il-Kummissjoni (T-394/08), li biha l-Qorti Ġenerali ċaħdet it-talbiet għall-annullament tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2008/854/KE, tat-2 ta' Lulju 2008, dwar l-iskema ta' għajnuna "Liġi reġjonali nru 9 tal-1998 — applikazzjoni abbużiva tal-għajnuna N 272/98" (ĠU L 302, p. 9), li biha r-Regione autonoma della Sardegna tat sussidji favur investimenti inizjali fl-industrija tal-lukandi f'Sardegna — Obbligu ta' motivazzjoni — Prinċipji ta' ċertezza legali u ta' protezzjoni tal-aspettattivi leġittimi

**Dispożittiv**

(1) *L-appelli huma miċħuda.*

(2) *L-appellanti huma kkundannati in solidum għall-ispejjeż.*

([1]) ĠU C 118, 21.4.2012.

**Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (it-Tmien Awla) tal-20 ta' Ġunju 2013 — Il-Kummissjoni Ewropea vs Ir-Renju tal-Pajjiżi l-Baxxi**

**(Kawża C-635/11)** ([1])

***(Nuqqas ta' Stat li jwettaq obbligu — Direttiva 2005/56/KE — Mergers transkonfinali ta' kumpanniji b'kapitali azzjonarji — Artikolu 16(2)(a) u (b) — Kumpannija li tirriżulta minn merger transkonfinali — Ħaddiema impjegati fl-Istat Membru fejn ikun l-uffiċċju rreġistrat tal-kumpannija jew fi Stati Membri oħrajn — Drittijiet ta' parteċipazzjoni — Assenza ta' identità ta' drittijiet)***

(2013/C 225/28)

*Lingwa tal-kawża: l-Olandiż*

**Partijiet**

*Rikorrenti:* Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: J. Enegren u M. van Beek, aġenti)

*Konvenut:* Ir-Renju tal-Pajjiżi l-Baxxi (rappreżentanti: C.S. Schillemans u C. Wissels, aġenti)

**Suġġett**

Nuqqas ta' Stat li jwettaq obbligu — Nuqqas li jadotta, fit-terminu previst, il-miżuri neċessarji sabiex jikkonforma ruħu mal-Artikolu 16(2)(b) tad-Direttiva 2005/56/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tas-26 ta' Ottubru 2005, dwar mergers transkonfinali ta' kumpanniji ta' responsabbiltà limitata (ĠU L 310, p. 1) — Parteċipazzjoni tal-impjegati